MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 385/2002/1

**Cole Foods Limited**

**Vs**

**Euro Imports Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fil-5 ta' April, 2002, li in forza taghha wara li ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' distat elef u sebgha u disghin Lira Maltin (LM9,097) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta li baqghet ma thallsitx.

Ippremettiet illi *non ostante* li s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata hija baqghet inadempjenti.

Talbet ghalhekk is-socjeta’ attrici biex l-istess socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disat elef u sebgha u disghin Lira Maltin (LM9,097) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta li bqghet ma thallsitx.

Bl-imghax kummercjali sad-data ta’ l-effettiv pagement u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Frar, 2002 u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li in forza taghha eccepiet illi :-

1. Illi fil-meritu tat-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici billi l-ammont mitlub mhux dovut in kwantu s-socjeta’ konvenuta fil-fatt m’hijiex debitrici tas-socjeta’ attrici. Fil-fatt l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici jirraprezenta l-prezz ta’ merkanzija konsenjata mill-istess socjeta’ lis-socjeta’ konvenuta taht depozitu gratuwitu, u liema merkanzija giet aktar tard depozitata mill-istess socjeta’ konvenuta taht l-awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qroti permezz ta’ cedola ta’ depozitu debitament notifikata lis-socjeta’ attrici.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz huwa eccessiv u mhux dovut kollu.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi prodotti mibjugha u konsenjati lis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici pprezentat '*statement of account'* li fih indikat l-*invoices* relattivi mahruga favur is-socjeta' konvenuta, il-valur ta' kull *invoice*, u l-pagamenti '*an account'* li saru mill-istess socjeta' konvenuta; l-ahhar pagament akkont mis-socjeta' konvenuta sar fil-25 ta' Mejju, 2001, u wara dan il-pagament inhargu zewg *invoices* ohra datati 7 ta' Settembru, 2001, u 18 ta' Settembru, 2001. Minn dan l-"i*statement of account"* jirrizulta li l-ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' LM9,097.02.

Is-socjeta' konvenuta mhux qed tikkontesta l-i*statement* bhala tali, pero', qed tikkontesta l-pretensjoni ghall-hlas gahx qed tikkontendi li l-merkanzija li taghha hija hadet konsenja ma kienetx mibjugha lilha, imma biss depozitata maghha, b'mod li s-socjeta' konvenuta ma kellhiex thallas ghall-prodott hlief fil-kaz li hi jirnexxielha tbieghhom lill-terzi. Peress li l-merkanzija, qed tallega s-socjeta' konvenuta, baqghet depozitata fl-imhazen taghha, u s-socjeta' attrici ppretendiet hlas ghall-oggetti hekk depozitati hija ghaddiet biex tiddepozita l-istess merkanzija taht l-awtorita' ta' din il-Qorti, u baqghet tirrifjuta li hi ghandha xi obbligu thallas il-prezz ta' dik il-merkanzija.

Is-socjeta' attrici ppruvat li ghal kull konsenja kienet tohrog *delivery note* li kienet tigi ffirmata mis-socjeta' konvenuta, u sussegwentement kienet tohrog ukoll *invoice* bil-valur tal-merkanzija konsenjata, liema *invoices* kienu jintbaghtu lis-socjeta' konvenuta u qatt ma gew minnha kontestati. Mhux hekk biss, izda s-socjeta' konvenuta ghamlet wkoll diversi pagamenti akkont. Id-diversi konsenji tal-merkanzija saru bl-istess procedura hlief li f'kaz ta' *invoice* partikolari, is-socjeta' konvenuta inghatat *discount* specjali ta' 10%. Dan l-*invoice* (numru 5405) kien ikopri ordni sostanzjali u nghata dak l-iskont minhabba l-valur ta' l-ordni u bhala ghajnuna lis-socjeta' konvenuta, u dan

peress li din osservat li kienet qed issib diffikulta’ tbiegh il-prodotti. Infatti, wara dik l-ordni partikolari, saru konsenji ohra lis-socjeta’ konvenuta, u saru minn din diversi pagamenti ohra akkont.

Kif inghad, is-socjeta’ konvenuta qed tallega li d-depozitu maghha sar b’titolu ta’ “*depozitu gratuwitu”;* din hi allegazzjoni li hi qed taghmel u trid tippruvaha. Huwa minnu illi in forza tal-principju tad-Dritt Ruman, il-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah: *incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat.* B’danakollu, mhux biss f’dan il-kaz is-socjeta’ konvenuta qed tallega fatt hi, izda spiss jigri wkoll li waqt l-andament tal-kawza l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra. Dan jigri meta jkun stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta’ l-attur hi sostenuta (Vol XXXVII.I.577; Vol XXXVII.II.741). Dan hu dak li gara f’dan il-kaz. Is-socjeta’ konvenuta tallega li l-oggetti gew depozitati maghha peress li s-socjeta’ attrici kienet se tircievi xoghol minn barra, u ma kellhiex spazju fl-imhazen taghha. Din l-allegazzjoni, pero’, mhix korroborata mis-Sur George Ferris, *Factory Manager* tas-socjeta’ attrici, li stqarr li anke meta waslet din il-merkanzija minn barra, huwa dejjem kien jittratta mas-socjeta’ konvenuta dwar bejgh. Inoltre, jirrizulta li anke ghal din il-merkanzija, is-socjeta’ attrici harget *invoice* fuq is-socjeta’ konvenuta u din ma gietx minnha kontestata.

Is-socjeta’ konvenuta ma ressqet ebda prova ohra in sostenn ta’ l-allegazzjoni taghha, u din il-Qorti tqis l-allegazzjoni tas-socjeta’ konvenuta bhala mhux pruvata. Il-pretensjoni attrici, min-naha l-ohra, tirrizulta pruvata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-kawza, billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici, s-somma ta’ LM9,097 (disat elef u sebgha u disghin liri Maltin), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Frar, 2002, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------